**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 301/2016 AF**

**Pio Pisani u John Pisani f'ismu proprju u bhala mandatarju tan-neputijiet residenti l-Awstralja Chad Anton Pisani, Kane Joel Pisani u Kylie Sharyne Halton**

**vs**

**Joseph Pisani u Maria Salvina known as Marisa Camilleri f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' huwa residenti l-Ingilterra Anthony Pisani**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Pio Pisani u John Pisani f'ismu proprju u bhala mandatarju tan-neputijiet residenti l-Awstralja Chad Anton Pisani, Kane Joel Pisani u Kylie Sharyne Halton, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari l-fond "Crystal Blue", Block B, Flat 10, Triq Mac Iver, Tas Sliema, proprjeta' ta' Joseph Pisani u l-fond numru 28, 'JOPA' Flats, Flat 4, Triq il-Gogi, Swieqi, proprjeta' ta' Maria Salvina known as Marisa Camilleri, u dan skont kuntratt tal-11 ta' Ottubru tas-sena 2005 fl-atti tan-Nutar

Dottor Josette Cauchi li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument "A".

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' l-imsemmija Joseph Pisani u Maria Salvina known as Marisa Camilleri f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' huwa residenti l-Ingilterra Anthony Pisani.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu tas-sena 2016, fejn il-partijiet qablu li Anthony Pisani ghandu jigi estromess minn dawn il-proceduri.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti jridu jikkawtelaw jedd pretiz taghhom li jkollhom kont ta' l-amministrazzjoni li l-intimati esegwew bil-proprjeta' tad-defunta ommhom Beatrice Pisani, xebba Attard.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874 (2) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:

"***874.*** *(*2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew ittneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-*data* ġeografika inkwistjoni. Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż miegħu abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku."

Mill-atti tar-rikors tirrizulta mankanza da parti tar-rikorrenti li jottemperaw ruhhom mal-provvediment tal-ligi fuq citat.

Lanqas ma sewwew din il-mankanza wara li giet senjalata lilhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fic-cirkostanzi taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-26 ta' Frar tas-sena 2016 u tichad it-talba ta' Pio Pisani u John Pisani definittivament.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG